**Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 28 ta' Frar 2025**
**(OR. en)**

**6451/25**

**Fajls Interistituzzjonali:**
**2024/0322(NLE)**
**2024/0324(NLE)**

**RECH 65**
**MED 11**
**AGRI 69**
**MIGR 70**
**RL 4**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Nru dok. Cion: | 17097/24 + ADD 1<br>17098/24 + ADD 1 |
| Suġġett: | DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)<br>- Adozzjoni<br>DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni tal-ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA)<br>- Qbil fil-prinċipju<br>- Talba mill-Kunsill għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew |

1. Fid-19 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill iż-żewġ proposti msemmija hawn fuq[1]. Il-proposti għandhom l-għan li jikkonkludu l-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika Libaniża, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, li jemenda u jissupplimenta l-Ftehim għal kooperazzjoni xjentifika u teknoloġika li jistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tar-Repubblika Libaniża fis-Sħubija fir-Riċerka u l-Innovazzjoni fiż-Żona tal-Mediterran (PRIMA).

2. It-test tal-Ftehim ġie inizjalat fit-22 ta' Lulju 2024, wara l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill lill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2023 biex tiftaħ negozjati mar-Repubblika Libaniża.

3. Fis-27 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposti lill-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka.

4. Il-Grupp ta' Ħidma dwar ir-Riċerka qabel dwar il-proposti wara konsultazzjoni bil-miktub li ntemmet fl-4 ta' Frar 2025.

5. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill, fil-parti "A" tal-aġenda ta' waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss:

   a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tapprova l-iffirmar ta' dan il-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 5943/25 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u kif tinsab fid-dokument ST 5949/25 tal-Ftehim.

   b) jiddeċiedi li jaqbel fil-prinċipju dwar id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u l-Ftehim, fil-forma ta' Skambju ta' Ittri, kif riveduta mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokument ST 5948/25 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill u kif tinsab fid-dokument ST 5949/25 tal-Ftehim, u li jibgħat id-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni u l-Ftehim lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.

6. Id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill ser jiġu ppubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali f'konformità mal-Artikolu 17(2)(b) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

---

[1] 17097/24 + ADD 1 u 17098/24 + ADD 1